MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 105/2004

**Pater Finance Co Ltd (C 22643)**

**Vs**

**Kenward Cole**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, disa’ mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (LM 1924) rapprezentanti import ta’ tlettax (13) il-kambjala, wahda ta’ LM100 (bilanc) u tnax ta’ LM 152 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar 2003 sa Frar 2004 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 13 konsekuttivament u inklusivament;

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ Frar 2004 jammontaw ghal LM 93, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk

tal-konsult legali (LM 6.00) kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti ma l-avviz.

Rat illi l- konvenut debitament notifikat  ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-16 ta’ Gunju, 2004 permezz ta’ liema hija rriduciet it-talba taghha fir-rigward tas-sorte bl-ammont ta’  LM1424 stante hlas fil-mori tal-kawza u kif ukoll irriduciet it-talba taghha ghall-imghax bl-ammont ta’ LM136 sal-21 ta’ Mejju 2004 u zammet ferm it-talbiet taghha ghall-bilanc tas-sorte ghal LM 500 bl-imghax mit-22 ta’ Mejju 2004 u bl-ispejjez tal-kawza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza inkluz in-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Art 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-16 ta’ Gunju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas  lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (LM 500) bilanc tas-sorte, bl-imghax fuq dan kif ridott fin-nota tas-socjeta’ attrici tas-16 ta’ Gunju 2004, il-bilanc mit-22 ta’ Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------